

31997R2600

23.12.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 351/18

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL(KEE) Nru 2600/97
tad-19 ta' Diċembru 1997**

li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 3094/89 dwar l-ghajjnuna għall-bini tal-bastimenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 92(3)(ċ), 94 u 113 ta' dan it-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi ftehim li jirrispetta l-kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni fil-bini kummerċjali tal-bastimenti u l-industrija tat-tiswija, magħmul bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi mhux membri skond il-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u Żvilupp ekonomiku (OECD) ⁽²⁾, għadu ma' daħalx fis-seħħ;

Billi għalhekk ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3094/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-ghajjnuna għall-bini tal-bastimenti ⁽³⁾ għadu ma' daħalx fis-seħħ;

Billi, skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 3094/95, r-regoli rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 90/684/KEE tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar l-ghajjnuna għall-bini tal-bastimenti ⁽⁴⁾ jibqgħu japplikaw ad interim, sakemm jidħol fis-seħħ il-ftiehim OECD u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1997;

Billi, minħabba l-inċertezzi kontinwi dwar id-dħul fis-seħħ tal-ftiehim ta' l-OECD, li jista' jkun ittardjat aktar mill-31 ta' Diċem-

bru 1997, il-Kunsill għandu bżonn jieħu passi xieraq sakemm ikun hemm deċiżjonijiet dwar il-possibbiltà ta' ftehim ġodda dwar l-ghajjnuna għall-bini tal-bastimenti;

Billi r-Regolament (KE) Nru 3094/95 għandu għalhekk jiġi emendat;

Adotta dan ir-Regolament:

Artikolu 1

It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 10 tar-REGOLAMENT (KE) Nru 3094/95 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“Sakemm jidħol fis-seħħ l-imsemmi ftehim, d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 90/684/KEE għandhom japplikaw sakemm il-ftiehim jidħol fis-seħħ u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1997.

Fisem il-Kunsill

Il-President

F. BODEN

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1997 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU C 375, tat-30.12.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 332, tal-31.12.1995, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1904/96 (ĠU L 251, tat-3.10.1996, p. 5).

⁽⁴⁾ ĠU L 380, tal-31.12.1990, p. 27.